

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Talbiet

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/917, tad-29 ta' Mejju 2017, li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja, sa fejn din tikkonċerna lir-rikorrent;
- tannulla r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/907, tad-29 ta' Mejju 2017, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja, sa fejn dan jikkonċerna lir-rikorrent;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż kollha tal-kawża, inklużi dawk sostnuti mir-rikorrent.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti allegatament imwettaq mill-konvenut meta qies li r-rikorrent kien ikkontribwixxa biex jappoġġja r-reġim Sirjan. Għalhekk, l-argumenti li ġejjin huma mressqa kontra dak li ġie deċiż fl-atti kkontestati:
  - M. A. Abdulkarim ma jistax jiġi kklassifikat bħala "negozzant influwenti";
  - Huwa ma huwiex marbut mar-reġim, ma jeżerċità ebda influwenza fuq dan ir-reġim u ma huwa sors ta' ebda riskju reali għall-evitar tal-miżuri restrittivi adottati fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja;
  - L-involvement, fl-imgħoddi, ta' dan tal-aħħar fi ħdan Alkarim For Trade and Industry L.L.C. jew fi ħdan kumpanniji oħra attivi fis-settur taż-żejt, taż-żejt industrijali, tal-lubrikanti u tal-griż fil-Lvant Nofsani lanqas ma jista' jgħati lok għall-konsegwenza li huwa jiġi kklassifikat bħala "negozzant importanti";
  - Huwa ma huwiex residenti fis-Sirja u b'konsegwenza ta' dan ma jeżerċitax attivitajiet hemmhekk.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità, sa fejn l-effetti tal-miżuri adottati bl-atti kkontestati huma tali li għandhom jiġu kkunsidrati bħala sproporzjonati fihom innifishom.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur sproporzjonat tad-dritt għall-proprjetà u tad-dritt li jeżerċita attività professjonali, sa fejn il-konsegwenza tal-miżuri kkontestati hija li r-rikorrent jiġi prekluż mill-jgawdi fil-paċi l-assi u l-libertà ekonomika tiegħu.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq użu ħażin ta' poter, sa fejn l-atti kkontestati ġew adottati sabiex jintlaħqu għanijiet differenti minn dawk iddikjarati, jiġifieri li r-rikorrent jiġi eskluż mis-suq sabiex jiġu ffavoriti operaturi oħraf'dan is-suq u għalhekk huma vvizzjata minn użu ħażin ta' poter.
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE, sa fejn il-motivazzjoni tal-atti kkontestati hija fil-fatt purament formali u x'aktarx ma kinitx is-suġġett ta' rifllessjoni min-naħa tal-konvenut.

---

### Rikors ippreżentat fil-15 ta' Awwissu 2017 – L-Shop-Team vs EUIPO (bags2GO)

(Kawża T-561/17)

(2017/C 347/58)

Lingwa tar-rikors: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: L-Shop-Team GmbH (Dortmund, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Sautter, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-elementi verbali “bags2GO” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 356 901

*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Ġunju 2017 fil-Każ 1650/2016-5

#### **Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

#### **Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

### **Rikors ippreżentat fit-18 ta' Awwissu 2017 – CheapFlights International vs EUIPO – Momondo Group (Cheapflights)**

**(Kawża T-565/17)**

(2017/C 347/59)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

#### **Partijiet**

*Rikorrenti:* CheapFlights International Ltd (Speenoge, l-Irlanda) (rappreżentanti: A. von Mühlendahl u H. Hartwig, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Momondo Group Ltd (Londra, ir-Renju Unit)

#### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark figurattiva li tinkludi l-element verbali “Cheapflights” – Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni Nru 3 485 349

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tal-Bord tal-Appell imkabbar tal-EUIPO tal-1 ta' Ġunju 2017 fil-Każ R 1893/2011-G

#### **Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lil Momondo Group Limited, jekk tintervjeni f'dawn il-proċeduri, għall-ispejjeż.

#### **Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 64(6) tar-Regolament Nru 207/2009;
  - Ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009;
  - Ksur tal-Artikolu 8(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 216/96;
  - Id-deċiżjoni kkontestata hija mimlija b'dikjarazzjonijiet li jpoġġu f'dubju jew jinnegaw direttament il-validità tat-trade mark tar-rikorrenti. Id-deċiżjoni kkontestata hija ta' detriment għall-interessi tar-rikorrenti inkwantu proprjetarja ta' trade marks irreġistrati b'mod validu li lanqas biss ma huma suġġetti għall-ġurisdiżzjoni tal-konvenut.
-